DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2019/1199 MEĦUDA BI FTEHIM KOMUNI BEJN IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-13 ta' Ġunju 2019

dwar il-post tas-sede tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 341 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

(2) Jenħtieġ li jiġi determinat il-post tas-sede tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol għandu jkollha s-sede tagħha fi Bratislava.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2019.

Il-President

M.C. BUDĂI

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).